



DANIÈLE NOUY  
President tal-Bord Superviżorju

[Isem tal-istituzzjoni  
Triq  
Belt  
Pajjiż]

Ref. Nru SSM/2018/0011  
(Għandha tiġi ċċitata f'korrispondenza ulterjuri)

[cc: ANK]

04.01.2018

## Politika dwar remunerazzjoni varjabbli ta' [entità prinċipali tal-grupp]

Sinjur/a

Il-BĊE iħares mill-qrib lejn il-politiki ta' dividendi u ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tiegħu, u b'mod partikolari lejn kwalunkwe impatt li daww il-politiki jista' jkollhom fuq iż-żamma ta' bażi kapitali soda minn istituzzjoni. Bħal fil-każ tal-politiki dwar id-distribuzzjoni tad-dividendi – ara r-Rakkomandazzjoni BĊE/2017/44<sup>1</sup> – il-politika ta' istituzzjoni dwar ir-remunerazzjoni varjabbli jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-baży kapitali tagħha.

Nisħqu dwar il-ħtieġa li tiġi adottata pożizzjoni prudenti li tħares 'il quddiem meta tittieħed deċiżjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom. Inħeġġukom li tikkunsidraw kif meħtieġ l-impatt potenzjalment detrimentali tal-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom fuq iż-żamma ta' baży kapitali soda, b'mod speċjali billi jitqiesu r-rekwiżiti tranżitorji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE<sup>2</sup> (CRD IV). Għaldaqstant, meta tingħata remunerazzjoni varjabbli, inkluż l-użu ta' arranġamenti malus u clawback, taħt il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni tagħkom, nirrakkomandaw li tapplikaw politika li tkun konsistenti ma' direzzjoni konservattiva – ta' mill-inqas, lineari – lejn ir-rekwiżiti kapitali totalment mgħobbija tagħkom (inklużi rekwiżiti ta' bafer ikkombinat) u mal-eżiti tal-iSREP. Jekk kolloxx jibqa' l-istess, id-domanda kapitali<sup>3</sup> li tirriżulta mill-iSREP tal-2017 hija mistennija li tibqa' ġeneralment stabbli – matul il-perijodu tal-introduzzjoni gradwali.

<sup>1</sup> Rakkomandazzjoni BĊE/2017/tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Diċembru 2017 dwar politiki għad-distribuzzjoni tad-dividendi (għadha ma ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

<sup>3</sup> Id-domanda kapitali hija komposta minn rekwiżiti tal-Pilastru 1, rekwiżiti tal-Pilastru 2, il-bafer ta' konservazzjoni tal-kapital u l-gwida tal-Pilastru 2. Irrispettivament mill-introduzzjoni f'fażijiet tal-bafer ta' konservazzjoni tal-kapital, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jistennew ukoll li fil-futur ikollhom gwida pożittiva taħt il-Pilastru 2.

Jekk jogħġbokkom żommu lit-Tim Superviżorju Konġunt infurmat regolarment dwar kwalunwe deċiżjoni li ttrigwarda l-politika ta' remunerazzjoni tagħkom.

Dejjem tiegħek,

[iffirmat]

Danièle Nouy